MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 56/2001/1

**Adelaide Ellul, John Ellul, Edmea mart Michael Calleja u l-istess Michael Calleja u b'digriet tal-11 ta' Frar 2003 stante l-mewt ta' John Ellul fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem l-istess Adelaide Ellul u Edmea Calleja**

**vs**

**Modern Plastics Containers Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Novembru 2001 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponenti:

Illi bi skrittura tat-8 ta' Gunju 1976 fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Vella Galea l-esponenti ma ohrajn krew lill-intimat il-fond 27 u 28 Racecourse Street, Marsa bil-kera ta' Lm1750 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, kull 8 ta' Gunju, 8 ta' Settembru, 8 ta' Dicembru u 8 ta' Marzu.

Illi huma saru jafu illi  l-intimat ma ghadux jopera mill-fond in kwistjoni u mill-imsemmija fondi qed joperaw is-socjetajiet Waste Control Services Limited u C. Ellul & Sons Limited.

Illi din ic-cessjoni tammonta ghal sullokazzjoni u/jew assenjazzjoni vjenata mill-ligi u mill-istess kuntratt ta' kiri partikolarment klawsola 6 ta' l-istess skrittura.

Illi huma jafu illi l-intimat qed jopera mill-fond RL4, Zona Industrijali, Kalkara.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna r-ripreza tal-fond imsemmi 27 u 28, Racecourse Street, Marsa taht il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan il-Bord jidhirlu xieraq u opportun u dan fi zmien qasir u perentorju.

Ra r-risposta tas-socjeta’ intimata li preliminarjament eccepiet li

“din il-kawza hija nulla u improponibbli peress li ma saritx mill-proprjetarji kollha tal-fondi in kwistjoni u l-proprjetarji l-ohra joponnu ghall-izgumbrament.”

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti.

Ra l-verbali tas-seduti tal-11 ta’ Ottubru 2001 u tat-30 ta’ Ottubru 2001.

Ikkunsidra,

1. Ir-rikorrenti jaqblu li hemm persuni ohra li huma ta’ proprjetarji maghhom u li ma dahlux f’ dan ir-rikors.

2. Is-socjeta' intimata barra li qed teccepixxi li l-azzjoni ma saritx mill-koproprjetarji kollha qed tghid wkoll li l-koproprjetarji li ma dahlux f'dawn il-proceduri qed jopponu t-talba ghall-izgumbrament.

3. Fuq it-taghlim tal-gurisprudenza kull wiehed mill-komproprjetarji li jkun irid jaghmel talba quddiem il-Bord, ghandu l-jedd vis-à-vis il-kerrej, a bazi tal-Kap 69 li jmexxi proceduri wahdu u m' hemmx htiega li jagixxi mal-koproprjetarji l-ohra. (ara App. Peralta vs Wirth 16/11/49; Zammit vs Saliba, 1/12/30; Scicluna vs Schembri 27/7/83; Sammut vs Vella, 26/10/83; Albani vs Scicluna 2/6/88, sentenza in parte, Bianco vs Agius 25/2/99; Ellul vs Agius, 29/5/95; Farrugia pro et noe vs Bajada et, 30/4/99; u Bord Li Jirregola l-Kera Ritchie et vs Dimech et, 15/2/00; Chetcuti vs Chetcuti et, 30/1/01)

4. Is-sies ta' din il-gurisprudenza hu li fl-ahhar mill-ahhar l-art 491 tal-Kodici Civili li jghid li kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-hwejjeg li ghandu f'daqqa ma' haddiehor skond id-destinazzjoni taghhom kif stabbilita bl-uzu.

5. Il-gurisprudenza tghallem wkoll li ma hemm l-ebda nullita' jekk komproprjetarji ohra mhux biss jiddizinteressaw ruhhom imma wkoll jopponu azzjoni. Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re 'Ciappara vs Caruana' (20/1/61, Vol XLV. 1. 13) fejn intqal:

"Hawn non si tratta ta' azzjoni tendenti ghall-notamenti ta' rapport jew stat guridiku wiehed, fejn il-litis – konsorzju bejn dawk kolha li huma partecepici hu necessarju. Ebda unita' guridika necessarja ma hemm bejn id-dritt ta' l-attrici u dak tal-proprjetraji l-ohra. Bil-mod kif saret l-azzjoni, id-dritt taghha jista' jigi rivendikat anki jekk dawk il-proprjetraji l-ohra jiddizinteressaw ruhhom kompletament ghal dak li hu dritt taghhom, jew anki ma jridux jirrivendikawh" (eqreb fiz-zmien ara 'Laferla et vs Cauchi Savone et' 6/2/95, App. Kum, ibghad fiz-zmien u ukoll fil-

grajja ta’ pajjizna, ara ‘Gando vs Borg Olivier et noe’ 3/1//58, App. Civ. Vol XL11 – 1 – 551)

Il-Bord jaf li hemm gurisprudenza ohra li tghid bil-maqlub (ara Scicluna vs Azzopardi, 3/4/64, App. Civ. XLVIII - 1 – 233 fejn il-Qorti ta’ l-Appell laqghet eccezzjoni bhal dik ta’ llum u rrevokat sentenza moghtija mill-Bord Li Jirregola l-Kera li kien laqa’ talba ghal zgumbrament imhabba bdil ta’ destinazzjoni). Din il-gurisprudenza kif juru s-sentenzi l-aktar ricenti ma gietx segwita u l-Bord ma jhossx li ghandu jistrieh fuqha.

Ghalhekk ma hemm l-ebda nullita’ u l-eccezzjoni preliminari qed tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata; l-kawza tibqa’ differita ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta’ Jannar 2002 fl-10.30am.”

L-appell hawn interpost mis-socjeta` intimata kontra d-decizjoni tal-Bord hu bazat fuq l-eccezzjoni preliminari taghha tan-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju billi l-azzjoni ma gietx proposta mill-komproprjetarji kollha tal-fond mikri lilha.

Dan l-aggravju huwa konformi f’kull rispett ghal dak imressaq fil-kawza fl-ismijiet “**Adelaide Ellul et -vs- Modern Crown Stoppers Ltd**” (Rikors Numru 55/01) deciza wkoll illum.

In vista ta’ dan din il-Qorti a skans ta’ ripetizzjoni tirreferi ghall-gudizzju taghha espress f’dik il-kawza u taghmlu japplika “mutatis mutandis” ghall-appell ‘de quo’.

Ghall-istess motivi hemm dedotti l-Qorti qed tilqa’ l-appell tas-socjeta` appellanti, thassar id-decizjoni appellata u tghaddi biex tillibera lill-istess socjeta` appellanti mill-osservanza tal-gudizzju.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------